

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232 (COD)

12910/25
ADD 1

CODEC 1277
ENV 849
CLIMA 343
AGRI 428
FORETS 71
RECH 393
TRANS 389

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar- raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

L-Iżvezja tapprezza li t-test ta' kompromess finali fil-biċċa l-kbira jissalvagwardja l-flessibbiltà u l-kontroll tal-Istati Membri. L-Iżvezja tirrikonoxxi li l-Artikolu 11 mexa sostanzjalment f'konformità mal-pożizzjoni tal-Iżvezja bit-tfassir ta' prinċipji komuni ta' ġestjoni sostenibbli legalment vinkolanti u mat-tfassir tal-Anness III.

Madankollu, it-tfassib sottostanti tal-Iżvezja fir-rigward tad-Direttiva proposta jipersisti. L-Iżvezja għadha temmen li l-proposta ser iġġarrab kostijiet addizzjonali fir-rigward tal-benefiċċji tagħha u mhux jirnexxilha tara valur miżjud ċar li jiġġustifika l-piż amministrattiv ta' qafas komuni ta' monitoraġġ li jkun legalment vinkolanti. Il-kosteffiċjenza tal-qafas ta' monitoraġġ għadha inċerta u hemm nuqqas ta' assigurazzjoni tal-kwalità bbażata fuq l-evidenza li l-qafas propost ser ikun fattibbli u applikabbli kif xieraq għal tipi differenti ta' ħamrija. In-natura transkonfinali tas-saħħa tal-ħamrija hija limitata u hija qrib il-kompetenza nazzjonali.

It-test ta' kompromess finali jirriżulta f'Direttiva li hija eqreb għall-pożizzjoni tal-Iżvezja meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni u l-Iżvezja tista' għalhekk, fl-ispirtu ta' kompromess, taċċetta t-test ta' kompromess finali. Madankollu, l-Iżvezja tenfasizza t-tfassib imsemmi hawn fuq, kif ukoll li ma hemm l-ebda garanzija li l-qafas ser jaħdem fil-prattika.